

31994R0468

L 59/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

3.3.1994

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) nru 468/94
tat-2 ta' Marzu 1994**

**li jemenda l-Anness VI tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti
agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 ta' l-24 ta' Ġunju 1991 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2608/93 ⁽²⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi skond l-Artikolu 16(5) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 kwalunkwe użu ta' sustanzi mhux elenkati f'L-Anness VI huwa eskluż tnaqqas il-xahar wara l-istabbiliment ta' l-Anness VI, anki fejn qabel sustanzi bħal dawn kienu awtorizzati skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti;

Billi ċerti Stati Membri kkonsidraw illi ċerti prodotti għandhom jiżdiedu ma' l-Anness VI u ppreżentaw talbiet lill-Kummissjoni biex jissostanzjaw dawn il-konsiderazzjonijiet;

Billi deher minn dawn it-talbiet illi ċerti ingredjenti li ma joriġinawx mill-agrikoltura huma indispensabbli biex jagħmluha possibli illi ċerti oġġetti ta' l-ikel ikunu prodotti u preservati kif suppost; billi dawn il-komposti anki huma komuni ħafna fin-natura;

Billi deher minn dawn it-talbiet illi hemm bżonn illi jiżdiedu ċerti prodotti agrikoli mas-sezzjoni Ċ ta' l-Anness VI u hemm bżonn-hom għaliex dawn il-prodotti ma jidhrux li huma prodotti fi kwantitajiet biżżejjed fil-Komunità skond il-metodu ta' produzzjoni organika fil-waqt illi, bil-maqlub, hemm bżonn li jit-neħħew ċerti prodotti oħra;

Billi l-miżuri maħsuba f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VI tar-REGOLAMENT (KEE) Nru 2092/91 huwa emendat kif mfisser fl-Anness tar-Regolament preżenti.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jibda jseħħ ħmistax-il ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-2 ta' Marzu 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 198, tat-22.7.1991, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 239, ta' l-24.9.1993, p. 10.

L-ANNEX

1. Sezzjoni A. 1. (Addittivi ta' l-ikel, inklużi *carriers*) hija emendata kif ġej:
- | | | | |
|---|--|-------------------------|--|
| — | wara E 330 (aċidu ċitriku), il-kompost li ġej huwa introdott: | | |
| | | isem | Kundizzjonijiet speċifiċi |
| | “E 333 | ċitrati tal-kalċju | —” |
| — | wara E 336 (tartrat tal-potassju), il-kompost li ġej huwa introdott: | | |
| | | isem | Kundizzjonijiet speċifiċi |
| | “E 341 (i) | monocalciumphosphate | raising aġent għad-dqiq self raising” |
| — | wara E 300 (aċidu ascorbic), il-kompost li ġej huwa introdott: | | |
| | | isem | Kundizzjonijiet speċifiċi |
| | “E 306 | Estratt tocopherol-rich | anti-oxydant fi grassijiet u żjut” |
| — | wara E 406 (agar), il-kompost li ġej huwa introdott: | | |
| | | isem | Kundizzjonijiet speċifiċi |
| | “E 407 | carrageenan | —” |
| — | wara E 516 (sulfat tal-kalċju), il-kompost li ġej huwa introdott: | | |
| | | isem | Kundizzjonijiet speċifiċi |
| | “E 524 | sodiumhydroxyde | trattament tal-wiċċ ta' Laugengebaeck” |
2. Sezzjoni B tiġi emendata kif ġej:
- | | | | |
|---|---|------|---|
| — | Il-komposti li ġejjin huma imdaħħla wara “Karbonat tal-Potassju”: | | |
| | | isem | Kundizzjonijiet speċifiċi |
| | “Karbonat tas-sodju | | Produzzjoni taz-zokkor |
| | Idrossidu tas-Sodju | | Protezzjoni taz-zokkor, trattament taż-żebbuġ |
| | Aċidu sulfuriku | | Produzzjoni taz-zokkor” |
| — | Il-kundizzjoni speċifika “greasing jew releasing aġent” fir-rigward tal-kompost “Żjut veġetali” huwa mbiddel bi “greasing, releasing jew anti-foaming aġent”. | | |
| — | Il-kompost li ġej huwa mqiegħed wara “Qxur tal-ġellewż”: | | |
| | | isem | Kundizzjonijiet speċifiċi |
| | “Għalf tar-ross | | —” |
3. Sezzjoni C tiġi emendata kif ġej:
- Il-prodotti li ġejjin huma miżjuda mas-sub-sezzjoni Ċ.1.1. wara żerriegħa tar-ravannell:
 - Ġandar
 - Fenugreek
 - Acerola
 - Ċikwejra
 - Il-prodotti li ġejjin huma mħassra mis-sub-sezzjoni Ċ.1.1.:Żerriegħa tal-qargħa ħamra
 - Il-prodott li jmiss huwa mħassar mis-sub-sezzjoni Ċ.1.3.:Qaraboċ
 - Il-prodotti li ġejjin huma miżjuda mas-sezzjoni Ċ.2.2.:Fruttosju
 - Fis-sub-sezzjoni Ċ.2.3. il-pożizzjoni “Hall minn xorb iffermentat barra minn inbid” hija emendata bĦall barra minn hall minn inbid u applecider.
 - Fis-sub-sezzjoni Ċ.3. il-pożizzjoni “Trab tal-ħalib u trab tal-ħalib xkumat” huwa mbiddel btrab tax-xorrox tal-butir.
 - Il-prodott li ġej huwa miżjud mas-sezzjoni Ċ.3.:Lattosju